Skond it-tradizzjoni, kien hemm knisja ta' Santa Liena fit-triq li tieħu minn Ta' Sannat għall-Munxar, fejn il-lum jâtu l-paljijiet fit-tiġrija ta' Santa Margerita.

Kien hemm Knisja oħra ta' Santa Liena fil-limiti tax-Xagħra.

Akille Ferris isemmi tliet knejjes dedikati Lilha u L. Zammit Haber sab dan id-dokument, li bla jsemmi liema knisja ta' Santa Liena, huwa dan.

"Eccla sub vocabulo S. Helenae creata per familiam de
"Refali, qui legavit tumulos quatuor terreni cum onere cele-
"brari faciendi missam unam in festo...... et restaurandi
"Ecclam cum necesse fuerit, Mathaeus Refali, qui tamquam
"haers possidet dm terrenum huic oneri non satisfacit quia
"Eccla est penitus diruta. D.mus mandavit Dn Ecclam pro-
"fanari, servata forma Conc. Trid et obligationem simul cum
"bonis transferri ad Eccla parlem, in qua in altari per recto-
"rem assignando esigatur S. Helenae et dicta obligatio
"persolvat."

**G. Dimech DeBono.**

## GĦAL PROFESSJONI TA' SORU

MULEJ
LI GĦOĠBOK TAHTARNI MAL-GĦADD TA' DAWK
LI SAN ĠWANN L-EVANĠELISTA FL-APOKALISSI
RA JIMXU DEJJEM WARA L-ĦARUF
U JGĦANNU GĦANA
LI MA JISTGĦUX IL-MAHTURA L-OHRA FIL-ĠENNA
AGĦMEL LI L-WEGĦDIET
LI TAJTEK BIL-PROFESSJONI SOLLENNI
MA NONQOS QATT GĦALIHOM
HALLI FIL-WAQT TAL-MEWT TIEGĦI
NISMA' MILL-FOMM HELU TA' IBNEK ĠESÙ
DAWN IL-KELMIET
EJJA JA GĦARUSA TIEGĦI EJJA HU L-KURUNA
LI KIENET IMHEJJIJA GĦALIK MINN DEJJEM.

**Dun Pawl.**

# NIĊEĊ U STATWI

III.

*Is-Salib "ta' Dejma".*

Wara dak li għedna fuq is-Salib imsejjaħ *ta' Dejma* fl-aħħar Għadd ta' dan il-Qari, smajna xi ħwejjeġ oħra fuqu li se'r nissuktaw inġibuhom hawn.

Is-Salib li hemm il-lum f'nofs dawk l-erba' toroq li semmejna m'hux l-istess wieħed li kien ġie mqiegħed l-ewwel darba. Is-Salib il-qadim inqala' minn fejn kien, u tqiegħed fiċ-Ċimiterju ta' l-Imgħallqin f'Ħal-Tarxien f'dak iċ-Ċimiterju li jinsab f'idejn WenzuMizzi dak li, dan l-aħħar, kien surmast fl-Iskejjel tal-Gvern ta' Ħal-Tarxien.

Is-Salib il-qadim, li fuqu hemm Ġesù Msallab, qiegħed fuq pedistal magħmul minn erba' naħiet. F'kull naħa hemm waħda mill-Misterji tal-Passjoni imnaqqxa fil-ġebel. F'ta' quddiem hemm Kristu qiegħed jitlob fl-Ort; f'ta' ma' ġenbha Kristu marbut fil-Kolonna; f'ta' wara l-Inkurunazzjoni bix-xewk; u, f'ta' ma' ġenbha, Kristu mgħobbi bis-Salib: jiġifieri, b'kollox, hemm ħames Misterji mill-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

L-Indulġenza li ta l-Isqof Alferan għal min igħid *Pater Noster* quddiem l-imsemmi Salib, ma ġietx mogħtija fl-1752, bħal ma hemm minn fejn ħadna dak li għedna, iżda ġiet mogħtija fl-1756: għax hekk jidher mis-sena li hemm imnaqqxa fil-Pedistall.

Kif qalulna, is-Salib il-qadim ġie mneħħi minn fejn kien u tqiegħed fiċ-Ċimiterju ta' l-Imgħallqin, imħabba x'insulti li kienu sarulu minn xi Ingliżi li spiss kienu jgħaddu minn hemm. Iżda, wara xi żmien, din il-biċċa ma għoġbotx lil wieħed jismu Ġużê Mangion, li *ta' Dejma* jibqa' bla Salib, għalhekk ħa ħsieb jiġbor xi flus minn għand in-nies u għamel Salib ieħor ġdid, dak li hemm il-lum.

Is-Salib il-ġdid li ġie mqiegħed f'*ta Dejma*, l-Isqof Pietru Pace għoġbu jagħnih, fit-22 ta' Marzu 1905, b'100 jum indulġenza, li jirbaħha kull min igħid *Kredu* quddiemu.

*L-Istatwa ta' Marija Assunta fil-Misraħ ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Għaxaq.*

Għall-ħabta ta' l-1774, il-Kappillan ta' Ħal-Għaxaq kien Dun Arkanġ Farrugia, miż-Żurrieq. Dan il-Kappillan, billi kellu qima kbira ħafna lejn il-Madonna Assunta, fl-1774 ġabar